MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 595/2014

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Patrick Cassar K.I. 499279(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' ħames mija u sitta u tletin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€536.15) in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija, internet u televiżjoni *A/C 40062125* mogħti mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu

preskritt mil-liġi, iżda deher għas-seduta miżmuma mit-Tribunal fit-13 ta’ Ottubru 2014.

Ra illi l-konvenut xehed fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2014, fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta’ ħames mija u sitta u tletin Ewro u ħmistax -il ċenteżmu (€536.15).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi f’pagamenti mensili ta’ mitt Ewro (€100) kull xahar, u li jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett tal-ammissjoni tiegħu kif ukoll tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta’ ħames mija u sitta u tletin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€536.15), liema somma għandha titħallas fl-ammont ta’ mitt Ewro (€100) kull xahar. Jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih. L-imgħax legali jiddekorri mid-data ta’ kwalsiasi pagament illi ma jsirx, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ippreżentata fit-27 ta’ Marzu 2014 u numerata 539/14, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------